MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2006

Talba Numru. 376/2006

**Galea Insurance Brokers Ltd. (C-12858)**
**vs**
**Paul Bonaci (ID-260960M)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 t'April, 2006, fejn intalab il-hlas ta' disgha u disghin lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm99.20), peress illi l-konvenut Paul Bonaci sid il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DAV-314 kien ordna minghand is-socjeta` attrici polza ta' assigurazzjoni rigward il-vettura tieghu.**
**Illi l-konvenut minkejja interpellat diversi drabi sabiex ihallas is-somma ta' disgha u disghin lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm99.20) baqa' inadempjenti.**

**Ra li fis-seduta tat-18 ta' Mejju, 2006 deher il-konvenut mhux assistit u ikkontesta it-talba attrici. Semgha x-xhieda ta' Roasanne Galea u Paul Bonaci. ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkusidra :**
**1. Is-socjeta` attrici qed tfittex lill-konvenut ghall-hlas ta' polza ta' assigurazzjoni u licenzja rigward il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DAV-314.**
**2. Huwa konfermat minn Rosanne Galea, Managing Director ghas-socjeta` attrici, li l-konvenut kien assikurat maghom, u huma kienu hadu hsieb jirrinovawlu l-licenzja. Il-konvenut jghid li hallas lil Laferla Insurance, pero` ma hemm ebda ricevuta in sostenn ta' dan.**
**3. Il-konvenut jikkonferma li ma kienx informa lis-socjeta` attrici li kien ser jibdel l-kumpanija ta' assigurazzjoni tieghu.**
**4. Ghalhekk il-flus li harget is-socjeta` attrici hargithom fl-interess tal-konvenut, pero` anke din kellha obbligu li tivverifika mieghu jekk kienx ser igedded l-assigurazzjoni maghhom. It-Tribunal qed jikkunsidra li l-licenzja hallsitha s-socjeta` attrici fl-ammont ta' tletin lira, u din ghandha tigi rimborsata kompletament mill-konvenut, filwqat li t-Tribunal qed jaqsam is-somma l-ohra bejn iz-zewg partijiet, peress illi t-tnejn li huma kellhom xi ftit tat-tort ghall dak li gara. Ghalhekk jigi li l-konvenut ghandu ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' erbgha u sittin lira Maltin u sittin centezmu (Lm64.60).**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' erbgha u sittin lira Maltin u sittin centezmu (Lm64.60).**
**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------